**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2018**

**Talba Nru: 487/2017 PM1**

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601), kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Claudine Grech Fleri Soler (ID 145174(M)), sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Claudine Grech Fleri Soler**

**Vs**

1. **Joseph Borg (ID 194974(M))**
2. **Stephen Catania (ID 424474(M))**
3. **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 t' Ottubru, 2017 illi l-intimati jew min minnhom ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' hames mija u tmenin euro u tlieta u erbghin centezmu (€580.43) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti d-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-incident tal-20 ta' Gunju, 2016, gewwa Pembroke, meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCI282 proprjeta` ta' Claudine

Grech Fleri Soler u assigurata ma' Atlas Insurance PCC Limited sofriet hsara meta intlaqtet minn injama li taret waqt hidma li kienu qed iwettqu l-intimati, jew min minnhom, u dana stante illi l-istess incident sehh unikament b'tort tal-intimati, jew min minnhom, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti taghhom, jew min minnhom. Dan l-ammont huwa dovut in kwantu ghas-somma ta' hames euro (€50) lir-rikorrenti Claudine Grech Fleri Soler rapprezentanti *excess payment* minnha mhallsa in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' €530.43 lir-rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited rapprezentanti d-danni kollha illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited abbazi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u skont il-ligi, flimkien mal-ispejjez kollha, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu, 2017 ipprezentanti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess talba ossija s-*survey report* rigwardanti l-vettura LCI282 (Dok. 'A'), ricevuti relattivi (Dok. 'B', 'C' u 'D') u kopja tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu, 2017 (Dok. 'E').

Ra r-risposta tal-intimat Joseph Borg datata 21 ta' Novembru, 2017 li permezz taghha eccepixxa li:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta` rikorrenti ghandha ggib il-prova illi hija wettqet dawk il-passi kollha necessarji (sabiex) sehhet tali allegata surroga;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-incident *de quo* ma sehhx b'xi nuqqas da parti tal-intimat Borg;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull allegazzjoni tar-rikorrenti ghandha tigi pruvata sal-grad rikjest mil-ligi;
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta tal-intimati Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta u Stephen Catania datata 21 ta’ Novembru, 2017 permezz ta’ liema gie eccepit li t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament, l-azzjoni attrici hija rrita u nulla stante illi l-intimat Kap Kmandant fl-ebda mument ma gie interpellat mir-rikorrenti sabiex ihallas l-ammont minnhom reklamat wisq inqas ma gie infurmat permezz ta’ ittra ufficjali jew protest bl-intenzjoni tar-rikorrenti a tenur tal-artikolu 460 tal-Kap. 12;
2. Illi, fit-tieni lok u in linea preliminari, u dana minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bil-proceduri odjerni a tenur tal-art. 181B tal-Kap. 12;
3. Illi, fit-tielet lok u dana minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandha tigi ppruvata l-allegata responsabbilita` da parti tal-intimati Kap Kmandant u Stephen Catania u dana ghliex da parti taghhom huma ghamlu uzu mis-servizz tal-intimat Josef Borg u kien l-agir tal-istess Borg illi kkawza l-hsarat in kwistjoni;
4. Illi fir-raba’ lok l-intimati mhumiex il-legittimu kuntraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;
5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mir-rikorrenti mhux talli mhux dovut izda huwa wkoll eccessiv u ghalhekk ghandhom jigu ppruvati l-allegati danni sofferti da parti tar-rikorrenti;
6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimat Kap Kmandant u Stephen Catania u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u permissibbli skond il-ligi.

Ra d-dokumenti ezebiti waqt is-seduta tas-17 ta’ Jannar, 2018 senjatament ir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva (Dok. SC1), kopja ta’ ittra legali datata 2 ta’ Jannar, 2017 mibghuta mir-rapprezentant legali tal-Forzi Armati (Dok. SC2) u kopja ta’ ittra ufficjali datata 27 ta’ Marzu, 2017 (Dok. SC3).

Sema' x-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini u ra d-dokument ezebit minnha Dok. EGF1 waqt is-seduta tal-21 ta' Frar, 2018.

Sema' wkoll ix-xhieda tal-attrici Claudine Grech Fleri Soler u ra r-ritratti tal-hsara ezebiti minnha waqt l-istess seduta tal-21 ta' Frar, 2018.

Sema' xhieda ta' Mark Micallef u ta' Henry Grech moghtija waqt is-seduta tal-24 t'April, 2018.

Ra n-nota tar-rikorrenti u r-ritratti annessi mal-istess, prezentata waqt is-seduta tal-24 t'April, 2018.

Ra l-affidavit tal-intimat Stephen Catania prezentata waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju, 2018.

Sema' x-xhieda tal-attrici Claudine Fleri Soler u tal-intimat Stephen Catania in kontro-ezami waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju, 2018.

Ra l-affidavit tal-intimat Josef Borg prezentat ukoll waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Josef Borg in kontro-ezami waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018.

Ra li waqt din is-seduta il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018.

Ra li l-kawza gie differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-kaz odjern jikkoncerna incident li fih sofriet hsara il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCI282 assikurata mis-socjeta' attrici u proprjeta` tal-attrici u dana meta tali vettura kienet qed tinsaq gewwa Pembroke u giet milquta minn injama imdaqqsa li kienet qed tintuza dak il-hin sabiex twaqqaf trakk tal-Forzi Armati li sofra hsara u kien jinsab wieqaf mal-genb tat-triq. L-injama taret ghal fuq il-vettura fil-waqt illi kienu qed isiru l-preparamenti min-naha tal-intimat Joseph Borg sabiex irikkeb it-trakk tal-Forzi Armati fuq il-*low loader* tieghu u l-intimat l-iehor Stephen Catania suppost kien qed iwaqqaf it-traffiku biex tkun tista' ssir din l-operazzjoni.

Qabel tigi mistharrga l-kwistjoni koncernanti jekk xi hadd mill-partijiet jistax jigi ritenut responsabbli ghal tali hsara, jehtieg illi jigu indirizzati l-ewwel zewg eccezzonijiet preliminari imressqin mill-intimati Kmandant tal-Forzi Armati u Stephen Cordina u cioe` li:

(i) l-azzjoni hija rrita u nulla ghaliex l-intimat Kap Kmandant fl-ebda mument ma gie interpellat mir-rikorrenti sabiex ihallas l-ammont minnhom reklamat permezz ta' ittra ufficjali jew protest kif mehtieg a tenur tal-art. 460 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili** u

(ii) it-talba kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bil-proceduri odjerni a tenur tal-art. 181B tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili**.

Illi l-art. 460 tal-Kap. 12 jaghmilha cara li:

> *(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew* ***<u>kontra xi persuna li jkollha kariga</u>***

***pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha***, *ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx -*

*(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*

*(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*

*(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew*

*(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*

*(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ,*

*u meta skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.* (enfazi mizjuda)

Illi f'dan ir-rigward mill-aspett prettament legali jinsab deciz li:

*Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta' talba ġudizzjarja qabel tista' tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. Bħala tali,* ***din ir-regola tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha konta l-amministrazzjoni pubblika.*** *Hija regola iebsa li teżigi li tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn din*

> *tista' tibqa' miexja 'l quddiem.* ***Jibqa' dejjem li dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti ex ufficio. Jingħad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorita' li tkun giet interpellata;***
>
> ***Illi minn qari xieraq ta' kliem il-liġi, jissemma x'għandu jitlob att ġudizzjarju li għalih jgħodd l-artikolu 460(1). Il-liġi tgħid li f'dak l-att "il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar". B'dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att ġudizzjarju jkun jgħodd bħala 'twissija' lill-awtorita' pubblika għall-finijiet tal-imsemmi artikolu, iżda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x'inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-awtorita' intimata tindirizza;*** (**Oliver Ruggier v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Frar, 2016 – enfazi mizjuda).

Illi fil-kaz odjern irrizulta car u fil-fatt jinsab inkontestat bejn il-partijiet li qabel tali procedura ma tressqu l-ebda ittra ufficjali jew protest kontra l-Kmandant tal-Forzi Armati li permezz taghha gew imfissrin b'mod car it-talbiet attrici. L-unika ittra li saret, skont ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini, hija dik datata 20 ta' Marzu, 2017 u li tinsab indirizzata esklussivament kontra l-intimati Josef Borg u Stephen Catania. Il-Kmandant tal-Forzi Armati, ghalkemm intimat f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax interpellat permezz ta' tali ittra ufficjali. Lanqas jirrizulta li l–azzjoni odjerna hija wahda minn dawk li ghaliha din il-formalita` m'hijiex mehtiega skont l-art. 460(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja dan, il-Kmandant tal-Forzi Armati gie hawnhekk imharrek bhala persuna b'"*kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha*" u kwindi d-dispost tal-art. 460 tal-Kap. 12

huwa pjenatament applikabbli fir-rigward tieghu sakemm l-azzjoni hija indirizzata fil-konfront tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta car li dak li inghad hawn fuq bl-ebda mod ma jolqot il-validita` tal-azzjoni sakemm din giet istitwita fil-konfront ta' Stephen Catania u Joseph Borg u dana ghaliex l-art. 460 tal-Kap. 12 bl-ebda mod ma jista' jigi kkunsidrat applikabbli fil-konfront ta' dawn iz-zewg konvenuti li, b'differenza mill-Kmandant tal-Forzi Armati, qed jigu mharrkin f'dawn il-proceduri fil-kwalita` persunali taghhom u jinsabu indirizzati permezz tal-imsemmija ittra ufficjali. Ghaldaqstant filwaqt li l-Kmandant tal-Forzi Armati ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, il-kawza tista' u ghandha titkompla fil-konfront tal-intimati Catania u Borg.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni imressqa kemm mill-Kmandant tal-Forzi Armati u kif ukoll mill-intimat Stephen Catania jinghad li l-art. 181B tal-Kap. 12 jipprovdi wkoll li: "*l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*" Kif diga' nghad il-Kmandant tal-Forzi Armati qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u kwindi ma jehtiegx illi t-Tribunal jindaga ulterjorment din l-eccezzjoni sakemm tirrigwardja lilu. Sakemm tirrigwardja lill-intimat l-iehor Stephen Catania it-Tribunal jinnota li din id-difiza m'hijiex applikabbli ghalih stante li, kif inghad, l-istess intimat gie mharrek fil-kwalita` persunali tieghu u kwindi tali eccezzjoni qed tigi michuda sakemm tolqot lill-intimat Stephen Catania.

Illi fir-rigward tal-mertu tal-kaz, dak li rrizulta matul dawn il-proceduri kien illi waqt li l-vettura tal-attrici kienet qed tinsaq fi Triq Normandy, Pembroke din giet milquta minn bicca njama mdaqqsa li kienet qed tintuza dak il-hin sabiex twaqqaf it-trakk tal-Forzi Armati li kienet gratlu hsara waqt li kien qed jinsaq minn Stephen Catania. Irrizulta wkoll li Stephen Catania sejjah ghall-ghajnuna u gie mibghut l-intimat l-iehor Joseph Borg li kellu jtella' t-trakk fuq il-*low loader* tieghu sabiex jittiehed ghat-tiswija. Skont ix-xhieda taghhom, la l-intimat Stephen Catania u lanqas Borg ma jafu kif is-serrattiz spicca inqala'

minn postu u tar ghal fuq il-vettura tal-attrici. Huwa car madanakollu li l-hsara sofferta minn din il-vettura giet ikkawzata proprju minn tali serrattiz dan kif jixhdu l-istess intimati (Stephen Catania xehed li "*rajt injama ittir minn taht it-tyre ta' quddiem tat-trakk u smajt hoss kbir*" (affidavit a fol. 69 tal-process) filwaqt li l-intimat Borg qal ukoll 'a tempo vergine' li "*Stephen kien qed iwaqqaf il-karozzi u mbaghad taret l-injama u giet fuq il-karozza LCI282*" rapport tal-Pulizija a fol. 28 tal-process).

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal ihoss li ghandu minnufih jeskludi kwalunkwe responsabilita` tal-attrici Grech Fleri Soler ghall-akkadut. Certament li ma tistax tigi inkolpata l-attrici li kienet ghaddejja regolarment mit-triq meta intlaqtet minn oggett li, kif inghad, kien qed jigi utilizzat minn terzi u li ghalih zgur li ma kenitx responsabbli l-attrici. Huwa minnu li matul dawn il-proceduri gie allegat li l-attrici saqet fit-triq kontra l-ordni moghtija minn Stephen Catania sabiex tieqaf. Madanakollu f'dan ir-rigward it-Tribunal isib li, mix-xhieda tal-partijiet, din il-verzjoni tal-fatti la tirrizulta pruvata u lanqas hija wahda verosimili. Fl-ewwel lok hija l-istess attrici li tichad dan meta xehdet in kontro-ezami li meta sehh l-incident "*t-traffiku kien ghaddej regolarment*" (fol. 40 tal-process). Hekk ukoll iz-zewg intimati stess u cioe` Catania u Borg jaghtu verzjonijiet kuntrastanti f'dan ir-rigward. Stephen Catania jghid li xogholu kien li jwaqqaf il-karozzi imma mbaghad ikompli "***<u>Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena lill-attrici rajtha wara li kien sehh l-incident.</u>*** (…) *Nghid li jiena l-vetturi kont waqqafthom. Dawn kienu weqfin ftit il barra mil-Landrover li kienet ipparkjata mal-hajt.* ***<u>Jiena lill-vettura tal-attrici ma rajthiex u dan peress li giet minn warajja.</u>***" (enfazi mizjuda). It-Tribunal isibha difficli ferm li jemmen li Catania kien qed iwaqqaf it-traffiku pero` intebah biss bil-vettura tal-attrici li qabzet it-traffiku wieqaf u kompliet issuq biss wara li sehh l-incident. Lanqas huwa verosimili li Catania kien qed jaghti dahru lejn it-traffiku li huwa waqqaf pero` fl-istess hin ma rax l-incident isehh tant illi kulma ra kienet l-injama ttir minghajr ma seta' jixhed dwar x'wassal sabiex taret din l-injama. A tempo vergine l-istess Catania qal li "*siehbi kien qed jaqla l-injama minn taht ir-rota ta' quddiem naha tal-lemin u b'xi mod din l-injama taret fuq il-karozza*". Bil-kontra ta' dan, Borg jichad li huwa kien qed jaqla' l-

injama tant li in kontro-ezami xehed: "*Nghid li mhux minnu li jiena kont qed naqla' din l-injama min-naha minn taht ir-rota ta' quddiem in-naha tal-lemin*" (xhieda moghtija fit-2 ta' Lulju, 2018). Hekk ukoll it-Tribunal jinnota li huwa ferm stramb kif la *a tempo vergine* u lanqas permezz tal-eccezzjonijiet tieghu l-intimat Stephen Catania ma ghamel referenza ghall-fatt li l-attrici kissret bl-aktar mod lampanti l-ordni cara tieghu li t-traffiku kellu jieqaf sakemm it-trakk misjuq minnu jigi mghobbi fuq il-*low loader* imma prova jehles mir-responsabilita` tieghu billi jghid li mhux hu kien responsabbli mill-manuvra li kienet qed issir sabiex it-trakk jigi mghobbi fuq il-*low loader* (ara f'dan is-sens l-ittra ufficjali responsiva tieghu datata 27 ta' Marzu, 2017 Dok. SC3 a fol. 30 tal-process). Permezz tal-verzjoni moghtija minnu *a tempo vergine*' lill-Pulizija, Stephen Catania xehed li huwa kien qed iwaqqaf it-traffiku imma ma jaghmel ebda accenn ghall-fatti – riportati fid-dettall fl-affidavit tieghu – li l-attrici saqet kontra l-ordni tieghu mil-lane opposta fuq il-Bus Stop u li "*nahseb anke bil-qatgha li tatni meta ghaddiet minn hdejja, qbadt nghajjat biex il-karozza tieqaf*". Manuvra bhal din kellha twassal lill-vettura tal-attrici sabiex tinstaq fuq in-naha l-hazina tat-triq b'tali mod li dan l-aspett zgur li ma setax jigi injorat *a tempo vergine* minn min, bhal Stephen Catania, kien inkariga ruhu li jidderigi lit-traffiku fit-triq. F'dan ir-rigward jinsab deciz li:

> *Generalment, fatturi rilevanti ghal kollizjoni jirrizultaw mir-rapport maghmul mill-pulizija a tempo vergine u jekk tali fatturi ma jirrizultawx fir-rapport, wiehed jistenna` li kienet issir ghal anqas xi osservazzjoni lill-ufficjal li jkun investiga l-kaz jew lis-superjuri tieghu.* ***In-nuqqas ta' fatturi rilevanti jew determinanti li sussegwentement jassumu importanza fil-kawza bejn il-partijiet jixhet dawl ikrah fuq il-kredibilita` ta` min ikun qed jallega tali fatturi.*** (**Borg Joanne Vs Mizzi Michael** P.A. 22 t'Ottubru, 2001 – enfazi mizjuda).

Jigi nutat ukoll li anke tramite l-eccezzjonijiet tieghu, oltre milli permezz tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Marzu, 2017 mibghuta minnu, Catania jindika li, skont hu, r-responsabilita`

ghall-incident hija ta’ Borg u dana ghaliex, skont it-tielet eccezzjoni imressqa minnu jipprovdi espressament li “*kien l-agir tal-istess Borg illi kkawza l-hsarat in kwistjoni*”. Ghal dan kollu t-Tribunal qed isib li l-verzjoni moghtija minn Catania m’hijiex wahda kredibbli u kwindi huwa car li ma kien hemm ebda nuqas min-naha tal-attrici li tobdi kwalunkwe direzzjoni li huwa kien qed jaghti lit-traffiku sabiex javzah bil-manuvra pjuttost perikoluza li kienet qed issehh proprju fil-hin illi fih sehh l-incident *de quo*. Huwa car allura li l-ebda nuqqas ma jista’ jigi addebitat lill-attrici f’dan ir-rigward.

Kif inghad, dan il-kaz huwa karatterizzat kemm minn verzjonijiet kunfliggenti u kif ukoll minn *lacuna* fir-rigward ta’ x’seta’ wasal biex is-serrattiz tar ghal fuq il-vettura tal-attrici. F’dan ir-rigward, il-kazistika nostrana dejjem poggiet affidament akbar fil-verzjoni moghtija *a tempo vergine*. Aktar minn hekk jinsab deciz li:

> *Il-verzjoni li s-sewwieqa jaghtu lill-pulizija 'a tempo vergine' hija l-iktar wahda kredibbli ghaliex tinghata spontanjament minghar ma s-sewwieq jkollhom cans jahsbu, jintebhu b'certu affarijiet, jitkellmu ma' terzi u konsegwentement ivarjaw il-verzjoni taghhom kif jaqblilhom.* (**Ciantar Andrew Vs Coleiro Joseph** P.A. 13 ta’ Lulju, 2001).

Illi f’dan ir-rigward huwa car li skont il-verzjoni ta’ Stephen Catania l-incident sehh proprju meta Borg kien qed jaqla’ l-injama minn taht ir-rota ta’ quddiem filwaqt li hu suppost kien qieghed jikkontrolla t-traffiku biex jara li l-karozzi jieqfu waqt li ssir din il-manuvra. Ukoll *a tempo vergine* l-istess Borg jghid li “*ghamilna njama taht ir-rota tal-lemin ta’ quddiem ghas-safety taghna. Stephen kien qieghed iwaqqaf il-karozzi u mbghad taret l-injama u giet fuq il-karozza LCI282*”. Huwa car li fir-rigward ta’ dan l-incident iz-zewg intimati Catania u Borg suppost kienu qeghdin jikko-ordinaw bejniethom sabiex issehh il-manuvra pjuttost perikoluza li kellha twassal biex it-trakk pjuttost kbir tal-Forzi Armati jitghabba fuq il-*low loader* daqstant iehor kbir tal-intimat Borg b’tali mod li, ampjament a konoxxenza tar-riskju li tali manuvra setghet tikkreja lil vetturi fit-triq, Catania kellu jiehu hsieb li jirregola t-traffiku filwaqt li Borg jiehu hsieb li jghabbi t-

trakk. Mill-mod kif zvolgew il-fatti, madanakollu, jirrizulta car li x-xoghol taghhom ma wettquhx kif suppost. Min-naha tieghu Catania ma rax li jaghti pre-avviz opportun lill-attrici sabiex iwaqqafha milli tkompli ssuq qabel Borg jibda l-manuvra tieghu tant illi huwa ra l-vettura biss wara l-incident. Ghaldaqstant ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu peress illi kien dan in-nuqqas ukoll li wassal sabiex il-vettura tal-attrici tigi danneggjata. Dan ma kienx xi kaz fejn l-attrici ma zammitx *proper lookout* u b'hekk sofriet danni. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni cara tax-xoghol li kien qed jigi imwettaq, l-attrici ma setghetx tinnota bil-manuvra li kienu qed jippruvaw iwettqu l-intimati Catania u Borg. Din l-indikazzjoni cara kellu jaghtiha l-intimat Stephen Catania imma fil-fatt ma tahiex.

Hekk ukoll, skont ix-xhieda moghtija minn Borg stess quddiem dan it-Tribunal, x'hin sehh l-incident "*It-trakk nghid li* ***ma kienx ghadu marbut*** *u nghid li kont jiena stess li nipprova ngib ic-cineg x'hin sehh l-incident proprju biex norbtu dan it-trakk.* ***Nghid li ezatt kif ittih l-arja u tnehhilu l-handbreak it-trakk ikun jista' jinstaq.*** *(…)* ***nghid li jiena ma nistax nindika li t-trakk tal-armata kien wieqaf*** *peress li jiena kif spjegajt aktar qabel kont aktar il quddiem hdejn it-tow truck u kwindi ma nistax nghid jekk fil-mument tal-incident it-trakk tal-armata kienx wieqaf .(…)* ***Qed nigi mistoqsi jekk it-trakk iccaqlaqx u nghid li jiena lanqas nista' nwiegeb dwar dan.***" – enfazi mizjuda; xhieda moghtija mill-intimat Borg fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018).

L-alternattivi huma kwindi tnejn: (i) jew li l-incident sehh ghaliex Catania ma waqqafx il-vettura tal-attrici kif kien tenut jaghmel u waqt li Borg qed jaqla' s-serrattiz laqat il-vettura tal-attrici jew (ii) ghaliex, mhux minnu li qala' s-serrattiz u meta gie biex jorbot it-trakk biex irikkbu fuq il-*low loader* it-trakk iccaqlaq u qaras is-serrattiz li tar ghal fuq il-vettura tal-attrici li, fin-nuqqas ta' direzzjoni min-naha ta' Catania kienet ghaddejja regolarment fit-triq. Fi kwalunkwe kaz huwa car li huwa wkoll l-intimat Borg li jahti ghall-incident *de quo* ghaliex, jekk Catania kien responsabbli mit-traffiku, kien Borg li assuma r-responsabbilta` ghat-tnehhija ta' tali serrattiz u l-incident sehh jew ghaliex is-

serrattiz ma tnehhiex jew ma tnehhiex kif suppost mill-istess Borg. Huwa car li sabiex tigi evitata kwalunkwe hsara, Borg kellu wkoll juza l-massima kawtela fl-inkarigu assunt minnu liema kawtela kjarament lanqas ma giet adoperata minnu u wasslet sabiex sehh l-incident.

It-Tribunal jeskludi kategorikament ukoll li dan kien xi kaz fortuwitu mhux biss ghaliex ebda wahda mill-partijiet ma ressqet din id-difiza imma wkoll ghaliex, skont ix-xhieda taghhom stess, iz-zewg intimati Catania u Borg kienu jafu li l-manuvra li kienu qed jippruvaw iwettqu sabiex irikkbu t-trakk fuq il-*low loader* kienet tikkomporta riskji ghal traffiku passiggier fit-triq. L-incident ma sehhx in vista ta' xi imprevist bhala kawza tal-hsara. Il-kawza medjata u immedjata tal-hsara tirrizulta kjarament min-nuqqas tal-intimati Borg u Catania li jwettqu b'mod tajjeb u in linea mal-grad rikjest ta' *bonuspaterfamilias* il-kawteli mehtiega minnhom sabiex tali manuvra ssehh minghajr hsara ghal terzi. It-Tribunal isib li, ghaldaqstant l-intimati Borg u Catania ghandhom jigu ritenuti responsabbli fi grad ta' nofs (1/2) kull wiehed ghall-hsara sofferta mill-atturi.

Illi finalment fir-rigward tal-*quantum* mitlub, dan jammonta ghal hames mija u tmien euro u tlieta u erbghin centezmi u jinsab ikkonfermat u pruvat mis-surveyor Mark Micallef tramite s-*survey report* tieghu. Is-surroga tinsab pruvata favur is-socjeta` attrici ukoll tramite x-xhieda ta' Henry Grech (fol. 59 tal-process).

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-bqija tal-eccezzjonijiet imressqin mill-istess Kmandant tal-Forzi Armati, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet kollha imressqin minn Stephen Catania u dawk imressqin minn Josef Borg, isib illi l-intimati Stephen Catania u Josef Borg huma responsabbli fi grad ugwali ghall-hsara sofferta mill-atturi u kwindi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-istess intimati Stephen Catania u Josef Borg ihallsu

lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija u tmenin euro u tlieta u erbghin centezmi (€580.43) f'ishma ugwali bejniethom bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu, 2017, kontra l-istess intimati Catania u Borg.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**